MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru. 789/2001
Kawza Numru. 43

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Saviour Grech bin Carmel u Gracie nee Spiteri, imwieled fl-24 ta' Frar 1952 u li joqghod 'Gmiel il-Hena', 18 Triq il-Horg, Kercem, Ghawdex.**

**Karta ta' l-Identita` Nru. 15552 (G)**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat gie mressaq quddiemha u akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Gunju 2000 ghall-habta tat-3:35pm. bhala Ice Cream Vendor mill-Van

JAN 319 fid-Dwejra, Ghawdex, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mall-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998;

U aktar talli fl-istess post u fl-istess data, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jzomm kopji tal-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1 (g) tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att u l-Artikolu 76 (b) ta' l-Att Nru XX ta' l-1998.

Semghet il-provi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirtira l-ewwel akkuza u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Dwar it-tieni akkuza ssib lill-imputat hati.

Rat l-artikolu tat-12-il Skeda u 76 (b) Att XXIII/1998.

**Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------